

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-24 ta' Frar 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Administratīvā apgabaltiesa – il-Latvja) – “SS” SIA vs Valsts ieņēmumu dienests

(Kawża C-175/20) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikolu 2 – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 4 – Kunċett ta' “ipproċessar” – Artikolu 5 – Princippi dwar l-ipproċessar – Limitazzjoni tal-għanijiet – Minimizzazzjoni tad-data – Artikolu 6 – Legalità tal-ipproċessar – Ipproċessar meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu fl-interess pubbliku mogħti lill-kontrollur; – Ipproċessar meħtieġ għall-osservanza ta' obbligu legali li għalih huwa suġġett il-kontrollur – Artikolu 23 – Limitazzjonijiet – Ipproċessar tad-data għal finijiet fiskali – Talba għal komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar reklami ta' bejgħ ta' vetturi online – Proporzjonalità)

(2022/C 165/04)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Qorti tar-rinviju

Administratīvā apgabaltiesa

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: “SS” SIA

Konvenut: Valsts ieņēmumu dienests

Dispożittiv

- 1) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), għandhom jiġu interpretati fis-sens huwa suġġett għar-reqwiziti ta' dan ir-regolament, b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tiegħu, il-ġbir, mill-amministrazzjoni fiskali ta' Stat Membru mingħand operatur ekonomiku, ta' informazzjoni li tinvolvi kwantità kbira ta' data personali.
- 2) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2016/679 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-amministrazzjoni fiskali ta' Stat Membru ma tistax tidderoga mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) ta' dan ir-regolament meta tali dritt ma ngħatax lilha permezz ta' miżura leġiżlattiva, fis-sens tal-Artikolu 23(1) tiegħu.
- 3) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2016/679 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li l-amministrazzjoni fiskali ta' Stat Membru timponi fuq fornitur ta' servizzi ta' reklami ppubblikati fuq l-internet l-obbligu li jikkomunikalha informazzjoni dwar il-persuni taxxabli li ppubblikaw reklami f'waħda mit-taqsimiet tal-portal tal-internet tiegħu sakemm, b'mod partikolari, din id-data tkun neċessarja fir-rigward tal-għanijiet speċifiċi li għalihom tinġabar id-data u li l-perijodu kopert mill-ġbir tad-data msemmija ma jaqbiżx it-tul ta' żmien li huwa strettament neċessarju biex jintlaħaq l-għan ta' interess ġenerali inkwistjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 222, 6.7.2020.